# AVVIŻI

1. Il-laqgħat li jmiss se jsiru kif ġej:
   Il-Ħadd 1 u 15 ta' Jannar 2017 fit-3.00p.m.
   Il-Ħadd 5 u 19 ta' Frar 2017 fit-3.30p.m.
   Il-Ħadd 5 u 19 ta' Marzu 2017 fl-4.00p.m.
   Il-Ħadd 2 u 16 ta' April 2017 fil-5.30p.m.
2. Dawk li qalgħu xi grazzja huma mħeġġa li jiktbulna l-grazzja u jagħtuna kemm jistgħu dettalji dwarha. Tinsewx tiktbu isimkom, l-indirizz u n-numru tat-telefown. **Grazzji mingħajr isem sħiħ, indirizz u numru tat-telefown ma jiġux ikkunsidrati.** Jekk ma tkunux tridu li jidher isimkom fuq il-fuljett dan ma jiġix ippubblikat. Huwa mportanti li, kemm jista' jkun, ittuna ċ-ċertifikat tat-tabib fejn jiċċertifika l-fejqan tagħkom.
3. Inħeġġu lill-qarrejja biex jimlew il-formola ta' sħubija fil-Moviment Madonna tal-Konsagrazzjoni. Dawn il-formoli jistgħu jittieħdu mill-Girgenti stess jew billi tiktbu lis-Segretarja, Dr. Sylvana Spiteri, 6, Sqaq Nru. 2, Triq il-Kbira, Siġġiewi, SGW 1320 jew email fuq ourladyofconsecration@gmail.com.
4. Min hu nteressat li jkun jaf aktar dwar il-ġrajjiet tal-Girgenti infakkrukom li matul is-snin ġew ippubblikati seba' kotba bil-Malti kif ukoll bl-Ingliż. **Għandna wkoll id-DVD "Ix-Xejn Aħjar Minni" dwar il-ħajja ta' Ġuża u l-messaġġ tal-Girgenti u DVD ieħor "Nitolbu ma' Marija" li jinkludi r-rużarji b'leħen Ġuża Mifsud.** Dawn il-kotba u DVDs jistgħu jinkisbu jew mill-Girgenti jew billi tiktbu lis-Segretarja fl-indirizz fuq imsemmi.
5. Wieħed jista' jakkwista wkoll santi bit-talba ta' interċessjoni ta' Ġuża Mifsud (bil-Malti u bl-Ingliż) kif ukoll domni, *keychains, DVDs* u kuruni bix-xbieha tal-Madonna tal-Konsagrazzjoni. Dawn jinkisbu biss mill-Girgenti jew inkella mingħand xi membru tal-Kumitat.
6. L-indirizz tal-website tal-Moviment Madonna tal-Konsagrazzjoni huwa dan li ġej: www.ourladyofconsecration.org
7. Facebook: Madonna tal Konsagrazzjoni u Youtube: Guza Mifsud

**DIKJARAZZJONI:** Il-Bord Editorjali ta' dan il-fuljett jiddikjara li, bl-ebda mod, ma jrid jgħaddi ġudizzju fuq dak li hu soprannaturali fil-fatti msemmija hawnhekk. Dan il-ġudizzju jistennieh mill-Awtorità tal-Knisja.

Veritas Press – Żabbar

NEWSPAPER POST VO/0236

# LEĦEN IL-GIRGENTI

MAĦRUĠ MILL-KUMITAT MADONNA TAL-KONSAGRAZZJONI

No. 109 Jannar 2017 JITQASSAM BLA ĦLAS



***Ġuża Mifsud f'eta aktar żagħżugħa***

*Il-Kumitat Moviment Madonna tal-Konsagrazzjoni*
*jixtieq iwassal l-isbaħ xewqat tiegħu*
*għas-sena 2017*
*lill-membri kollha tal-Moviment,*
*lill-qarrejja ta' dan il-fuljett,*
*lill-Maltin u l-Għawdxin kollha u 'l proxxmu kollu.*
*Mulej ibgħat il-paċi Tiegħek fuq id-dinja kollha,*
*għaqqad il-ġnus f'imħabbtek u agħti s-serħan lil min qiegħed ibati.*

# INSIRU NAFU AKTAR LIL ĠUŻA MIFSUD (IR-RABA' PARTI)

### Ħuwha Karmnu jidħol mal-Ġiżwiti

Karmnu Mifsud, ħu Ġuża, beda n-novizzjat fil-Kumpanija ta' Ġesù fis-7 ta' Settembru 1955 u għamel l-aħħar voti tiegħu fil-15 ta' Awissu 1966. F'diskursata li kellhom bejniethom u li sibt fuq cassette ħareġ dan it-tagħrif. Ġuża qalet hekk: "meta jiena tlajt ir-razzett, per eżempju lil din ommi sibtha tibki. U qaltli, "Ġuża ħa nagħtik aħbar, ħa tnikktek ftit din l-aħbar illum."

Għidtilha, "X'għandek? X'ġara ma?" Qaltli, "Għaliex Karmnu urieni l-Madonna ta-Triq u qalli ħa nibdel it-triq u ħa mmur mal-Ġiżwiti." Għidtilha, "Ma, nintrabtu mar-rieda t'Alla għax ir-rieda t'Alla ma nistgħux niġġieldu magħha. Ara tmur tgħidlu xi ħaġa ta, għax jiena ngħid għalija ħa nikkuntatta (naqbel) miegħu bil-mija fil-mija u mhux bid-disgħa u disgħin fil-mija.'"

Ġuża tgħid li anka missierha Sidor kien qalilha, "Ġuż, inti taf b'xi ħaġa fuq Karmnu?" Għidtlu, "Fuq Karmnu xi tridni nkun naf jiena?" Qalli, "Għax Karmnu għandu jkun ħa jħallina. Għandu daqs dak raba hu u Kola." Insomma, għidtlu, qalli, "ijwa, ijwa, ijwa, dik il-volonta t'Alla. Mela nħalluh għar-rieda t'Alla."

U mbagħad insomma, taf inti, niżżiħajr lil Alla waslet l-aħħar ġurnata. Kien hawn mingħalija Dun Ġużepp ta' Randa hux hekk? Kien hawn ommi illi qaltlek, 'Ibni, ħa nbierkek l-aħħar waħda.' Kien hawn kullma hawn nies. Għax il-Ħadd konna għamilniha għall-qassisin aħna, kellna l-għorfa mimlija bil-qassissin, kien hawn xi sittax. Kien hawn il-Kappillan Dun Nikola..."

### Meta kellimha Fr. Emvin Busuttil

B'rabta wkoll ma' Karmnu, Ġuża tirrakkonta li meta darba hi u ommha marru jaraw lil ħuwha, fetħilhom il-bieb ta Loyola House, ċertu Patri Emvin Busuttil. Dan qal lil ommha, "Ħalli mmur inġiblek lil Karmnu, inti oqgħod kellem lil Karmnu u jien inkellem lil Ġuża".

Ġuża tkompli tgħid hekk, "Dan mar ġab lil Karmnu li qagħad jitkellem ma ommi fil-kamra ta barra. Meta konna waħedna dan Patri Busuttil, illum mejjet, qalli, 'Ġuża illum ħa nkellmek ħafna ċar, aktar mis-soltu. Issa ommok u missierek dalwaqt imutu u inti ħa tisfa waħdek'. Jien qbiżt u għidtlu, 'Dan jien naf bih'. Hu qalli, 'Jiena ċert illi inti, għandek tmut b'libsa ta' reliġjuża', u jiena li f'dak iż-żmien kelli xi ħaġa fuq tletin sena, għidtlu, 'Ma tarax, issa xjaħt u minhiex tajba biex immur soru.' Qalli, 'Xjaħt għax għandek tletin sena! Jien ħa ngħidlek li ntik ċans li jmutu ommok u missierek u mbagħad anka ta' sittin sena nibagħtek soru'. Jien għidtlu, 'Ħa tagħmilli ħafna nkwiet għax donni ma nafx x'qegħda nħoss.'

Hu sejjaħ lil ommi u ġie ħija u ħija lanqas tant ħa gost bil-proposta li qallu l-Father. Qallu, 'Issa jinstarmu kemm ommi u missieri'. Ommi qaltlu, 'X'għamiltilna, illum tajtni daqqa ta sejf kbir fqalbi. Jekk twarrab Ġuża jiena mmur l-Ingieret, għaliex Ġuża hija l-bastun u l-id il-leminija tiegħi'. Patri Busuttil qalilha, 'Veru li hu hekk, imma m'aħniex ser inħallu lil din it-tifla waħedha. Hemmhekk tkun miġbura u ma jonqosha xejn'.

Bil-għajnuna t'Alla ħriġna minn hemm ġew, imma kemm ommi u kemm jien ħriġna nkwetati ħafna. Jiena wrejthom id-dar li miniex kuntenta, tant kont imdejqa u jiena u ommi bdejna nibku t-tnejn. Ommi mbikkija kienet tgħidli, 'Binti x'jonqsok? Ħa toħroġni minn ġo dari'. Hi fetħet qalbha mad-direttur spiritwali tagħha u wara xi jiem waqt li kont qegħda fin-naqra ta' ħanut li kelli mad-dar nara lil dan is-saċerdot ġej u qalli, 'Ġuża x'ġara?' Għidtlu, 'Xejn ma' ġara. Nhar il-Ħadd morna naraw lil ħija Karmnu u Patri Busuttil qabad fija biex nidħol soru'. Dan qalli, 'Oqgħod bi kwietek Ġuża, daqskemm għandek appostolat u jiena ħa nurihulek l-aqwa apostolat. L-ewwel appostolat kbir li għandek, aqwa minn ta' soru hu li qegħda ddur b'ommok u missierek. Kieku qegħda soru kieku ma tistax tilħaq dan l-appostolat hekk kbir. Barra minn hekk inti delegata tal-morda u jiena nħossni ħafna kuntent bik għax qegħda taqdi dmirek mill-aħjar mal-morda. Qegħda wkoll fil-Figlie di Maria u għandek din l-akbar opra li tikkonsagra l-familji'.

Ġie wkoll il-kappillan tal-parroċċa, ċertu Dun Nikol Aquilina u meta kellmitu ommi qalilha, 'Jien stess ħa mmur inkellmu għax Ġuża għandha biżżejjed appostolat kbir'. Imma dan għalija ma kienx biżżejjed u xi tlett ijiem wara qbadt u mort għand Dun Ġorġ Preca u dan qalli, 'Ħalli f'idejja għax ħa nibgħatlu ittra u ngħidlu l-ħarufa tagħna tas-Siġġiewi li tant għandha merħla kbira x'tirgħa, ħallijhielna bi kwietha'. Imbagħad tant waqqgħet kuntentizza kbira fuqi, fuq ommi u fuq missieri għax ħassejt li dan kien dak li Alla jrid minni."

### Qatt ma riedet tiżżewweġ

Jidher li Ġuża minn dejjem ħasset li għandha tagħti ħajjitha kompletament lill-Mulej, ħajjitha riedet taqsamha biss miegħu, tant li rrifjutat kull proposta ta' żwieġ li saritilha. Hija tirrakkonta hekk: "Jiena qatt ma kont nuri ruħi li jiena mitbiela u muġugħa alavolja l-passat tiegħi kien kiefer, għax issa rrid ngħid kollox... Ommi u missieri bdew jinkwetawni ħafna, mhux għax ġejt waħdi u ridt inkompli ngħinhom f'saħħithom, imma għax dan li ġej kien għalija l-akbar xewk ta' ħajti.

Darba ommi qaltli, 'Ġuża, hawn bniedem li tant iħobbok, għax ma tagħmilx kuraġġ u tiżżewweġ għax lili qegħda ssewwidli qalbi li ħa nħallik waħdek.' Jien għidtilha, 'Ma, aqbad u ħallini għax jien m'iniex immejla lejn dik it-triq u dawn l-affarijiet toqogħdux issemmuhomli.'... Xi żmien wara kien hemm xi ħadd ieħor u ommi reġgħet qaltli, 'Binti, jisgħobini għax issa ħa nħallik waħdek u mhux ser ikollok ma' min tgħid kelma' u lil ommi għidtilha, 'Ma, aħfirli, għax qegħdin iddejquni u ser ikolli ngħid lil Dun Ġorġ' kif filfatt għamilt.

Kien hemm xi ħamsa oħra li riduni iżda m'iniex ser noqgħod insemmihom... L-għażiż ħija fil-Mulej u fil-Madonna Dun Ġorġ, tant ħadni bis-serjeta li kienu qegħdin idejquni tal-familja, li mar ir-razzett, sab lil ommi, lil missieri u lil ħuti anka s-subien u qalilhom, 'Lil Ġuża ħalluha bi kwietha għax Ġuża għandha appostolat ieħor li l-Mulej għoġbu jinqeda biha. Ġuża mhix għal dik it-triq u toqogħdux tħarbtuha għax ma nistgħux inħarbtulha l-vokazzjoni tagħha.' U jiena nirringrazzja lill-Mulej u lill-Madonna li ma baqgħux jinsistu fuq din il-ħaġa...

Għadda ż-żmien, kien għadda xi xahar u nofs minn fuq il-mewt t'ommi (ommha mietet fl-1 ta' Novembru 1964). Jiena lil missieri, tajtu jiekol u kont sejra irtir biex noffri ftit tbatija u mortifikazzjoni għall-bżonnijiet t'ommi għax imbagħad bdejt inħoss li għandi nitlob ħafna għaliha. Imma taħsbux intom li x-xitan raqad hawn. Kien il-Ħadd u għall-ħabta tat-8.30am għidtlu, "Missier, sejra irtir." Qalli, "Mur binti, mur u oqgħod kemm trid."

Imma ħabbat il-bieb u nara raġel u jiena għidtlu, "Xi trid għax sejra rtir u ma nistax naħli żmien?" Dana qalli, "Ġejt biex inkellem ftit lil missierek." Jiena għidtlu, "Lil missieri xi tridu?" Qalli, "Biex inkellmu ftit fuqek." Għidtlu, "Dan ix-xitan bagħtek biex ittellifni l-irtir." Qalli, "Ġejt ngħidlek li ġie żagħżugħ, imqabbad tajjeb, mill-Awstralja li jridek." Għidtlu, "Int ukoll dalgħodu ġej b'ħafna ħmerijiet." Qalli, "Dan il-ġuvni mqabbad ta, għandu karozza, flus kemm trid u miegħu tkun sinjura." Qalli, "Miegħek għalxejn qed nitħaddet, aħjar iġġib lil missierek ħa nkellmu ftit." Jiena qisni bżajt minn dan ir-raġel u għidtlu, "Missier ejja naqra s'hawn għax ġie xitan iridek."

Dan ir-raġel staqsieni jistax joqgħod ftit bilqiegħda iżda jiena għidtlu, "Le, toqgħod xejn għax m'għandix ħin." Nerġa ngħidilkom li dan ġara biss xahar u nofs wara l-mewt t'ommi u dak iż-żmien jiena kelli xi wieħed u erbgħin sena. Missieri li kien jismu Sidor ġie u qallu, "Xi trid sieħeb?" Dan qallu, "Sidor, jien ġejt inkellmek ftit fuq it-tifla, għax ġie żagħżugħ mill-Awstralja li jafni u dan xeħet għajnejh fuq Ġuża u jekk nirranġaw ma jridx idum, ta."

Missieri qallu, "Dina m'ijiex affari tiegħi, din affari tagħha u meta fil-



passat għidnilha xi ħaġa fuq dawn l-affarijiet dejjem urietna li dik mhix it-triq tagħha." Qbiżt jien u għidtlu, "Jekk jogħġbok oħroġ bil-kwiet għax inkella naqbad jien u noħorġok." Dan qalli, "Jiena b'daqshekk ma ġejt noħodlok xejn. Ġejt ngħidlek għax bagħtni hu." Jien għidtlu, "Mur għidlu jfittex bieb ieħor u jekk jogħġbok tiġinix b'aktar risposti minn tiegħu." Dan qalli, "Ġuża ħa jisgħobik." Jien għidtlu, "Aktar qed jisgħobini għax telliftni l-irtir u ġejt b'din il-proposta tiegħek." Dan ma kienx biżżejjed, qal lil ħuti u kellmuni, iżda jien għidtilhom, "Tkellmunix iżjed fuq dawn l-affarijiet," u fil-fatt ma kellmunix iżjed."

## Imħabba lejn is-saċerdoti

Ir-rispett lejn is-saċerdot minn dejjem kien kbir. Mhux biss kienet tfittixhom għall-ħajja spiritwali tagħha iżda kienet taqdihom ukoll materjalment. Hija tgħid, "Dwar Dun Ġorġ Mercieca rrid ngħid ukoll, li meta dan kien jiġi jqarilna s-Siġġiewi jiena kont inlestilu x'jiekol u anka għal fil-għaxija kont nagħtih l-ikel miegħu. Tgħidx kemm kont nieħu gost meta, wara li mietet ommi, kont nara lil missieri u lilu jieklu fuq il-mejda. U dana Dun Ġorġ meta flimkien ma' missieri kien ilesti miċ-ċena kien jgħidli, 'Jiena m'għandix biex inħallsek' u jien kont ngħidlu, 'mur ara daqs kemm għamilt miegħi.'

Hu kien jgħidli, 'Jiena dan m'iniex ngħidulek biex inħallsek għax dan irid iħallsek Alla tiegħu. Imxi ftit fejn mietet ommok ħalli nitolbu ftit għaliha. Ġuża jiena għandi naħseb li ommok ġja rregalha l-Mulej ta' l-imġieba tajba ħafna illi tatek. Anka lilek il-Mulej ħa jippremjak ħafna għaliex inti għandek rispett kbir lejn is-saċerdoti, mhux għax qegħda tlestili x'niekol kull meta niġi nqarar fil-paroċċa tiegħek, imma jiena hekk qiegħed inħoss minn Alla. Alla ħa jippremjak ħafna f'din id-dinja u fl-oħra għax-xogħol li inti tajt lill-Mulej għal dak kollu li fdalek f'idejk permezz tal-Madonna.'"

Fil-laqgħa tal-Girgenti ta' l-24 ta' Ġunju 1994 hija tkompli tgħid: "Semmejtilhom lil Dun Ġorġ Preca, imbagħad kelli ma' Dun Ġorġ Mercieca li kont anka naqdih u nservih f'dak li kien ikollu forsi ftit bżonn, kont insajjarlu meta kien jiġi s-Siġġiewi biex iqarar in-nies. Dak iż-żmien kien jgħidli, "Għandi bżonn ta xi flanella," dak kien saċerdot. Dawk kienu saċerdoti! Qalli, "Għandi bżonn għax jiena fis-Sajf, ma nużax, bil-flannella nibqa'." Qalli, "l-flanelli ħithomli bil-pulzier sa fuq il-pala ta' idi." Kont ħitlu erba' flanelli ... u dawn il-flanelli għamilthomlu bil-pulzier għal fuq il-komma biex jilbishom taħt is-suttana."

*Ikompli f'ħarġa oħra*

**Sylvana Spiteri LL.D.**

# KONSAGRAZZJONI TAL-FAMILJI LILL-QALB IMQADDSA TA' ĠESÙ U L-QALB BLA TEBGĦA TA' MARIJA

Ġuża Mifsud kienet magħrufa ma' ħafna Siġġiwin għall-ammont kbir ta' familji li kienet ħejjiet sabiex jagħmlu l-konsagrazzjoni tal-familja tagħhom. Dawk li jixtiequ jagħmlu l-konsagrazzjoni tal-familja waqt li laqgħa ta' Mejju 2017 huma ġentilment mitluba jgħaddulna d-dettalji tagħhom: email: ourladyofconsecration@gmail.com jew Facebook (Madonna tal-Konsagrazzjoni) jew ittra f'6, Sqaq 2, Triq il-Kbira, Siġġiewi jew ikellmu lill-membri tal-Kumitat.

## RINGRAZZJAMENT

Il-Kumitat Moviment Madonna tal-Konsagrazzjoni jirringrazzja lil dawk il-qarrejja li jibgħatu xi donazzjoni sabiex itaffu ftit mill-ispejjeż ta' dan il-fuljett. Għalkemm il-Fuljett jitqassam bla ħlas imma l-ispejjeż tal-istampar u tal-posta huma sostanzjali u għaldaqstant kull donazzjoni hija ferm apprezzata. Inwegħdu t-talb tagħna lil dawn il-benefatturi. Il-Mulej iberrikkom, il-Madonna iżżommkom taħt il-protezzjoni tagħha u Ġuża Mifsud tinterċedi għalikom fil-bżonnijiet tagħkom.

## INFORMAZZJONI OĦRA

- Fil-15 ta' Settembru 2016, fil-Girgenti kienet organizzata quddiesa mill-Kunsill Lokali tal-Mosta, fl-okkazzjoni ta' Jum il-Mosta. Din il-quddiesa kellha l-permess ta' Mons. Arcisqof Charles J. Scicluna.
- Fil-Girgenti saru diversi xogholijiet ta' manutenzjoni. Fosthom inbidlet it-tinda kif ukoll l-istatwa ta' Gesu jbati li kienet qeghda ssofri hsarat minhabba l-elementi. L-istatwa li kien hemm qabel ittiehdet id-dar ta' Guza u xorta tkun tista titgawda minn min izur din id-dar.

## TALBA

Sinjur Alla ta' l-Eżerċiti ixħet il-ħarsa tiegħek fuqi, twarrabx idejk minni u żommni dejjem marbut/a mal-volonta' mqaddsa tiegħek.

Mulej, nadurak, imbierkek u nfaħħrek u filwaqt li niżżik ħajr tad-doni u l-grazzji li inti tajt lil Ġuża Mifsud, nitolbok sabiex bl-interċessjoni tagħha u ta' Ommi Marija Santissima, taqlagħli din il-grazzja li tant nixtieq. Amen. *Glorja lill-Missier...*



# GRAZZJI MAQLUGĦA

**C. A. minn Ħal Qormi kitbet hekk:** It-tifla tiegħi ta' 9 snin għandha diffett f'saqajha. Kaz ta' "flat feet" pjuttost serju.

L-ispeċjalista li spiss kienet tikkontrolla saqajha kienet tisisti li din it-tifla għandha bżonn li tiġi operata.

It-tifla għandha ħajja normali u qatt ma lmentat minn uġigħ imma l-biża tal-ispeċjalista kien il-futur. Fil-futur jista' jkun hemm anke uġigħ u xi problemi fid-dahar.

Għalkemm l-operazzjoni mhix waħda kumplikata, imma lanqas huwa faċli ħafna il-mod ta' kif wieħed ifiq minn dan l-intervent. Hija xi ħaġa tat-tul li fuq tifla ta' 9 snin żgur li mhix faċli. Il-biża tiegħi kien ukoll li t-tifla tista' tgħaddi minn trawma ghax għandha karattru sensittiv ħafna.

Wara xi aċċertamenti oħra, bħal X Ray u CT Scan tas-saqajn u flimkien ma' speċjalista oħra, ġie deċiż li din it-tifla ma għandix bżonn tal-intervent. Persuna oħra (podoloġista) innota wkoll minn xi testijiet oħra li saru, li f'saqajn it-tifla sar progress. Meta kienet iżgħar saqajha kienu ħafna agħar. L-ispeċjalista jittamaw li mal-iżvilupp tal-ġisem isir progress.

Matul dan il-perjodu ta' kontrolli, jiena rrikkorejt għall-interċessjoni tal-Madonna tal-Konsagrazzjoni. Jiena devota ħafna tagħha. Kull darba li jiena nkun Malta, niġi nżurha. It-tifla dejjem tkun miegħi matul dawn iż-żjarat fil-Girgenti.

Il-Madonna qalgħatli l-grazzja li t-tifla m'għandix bżonn ta' operazzjoni. Tlabtha bil-qalb lill-Madonna u semgħatni. Il quddiem forsi jkun hemm bzonn li jsir xi intervent, imma għalissa, f'din l-eta' hekk żgħira, m'hemm bżonn ta' l-ebda intervent.

Jiena minn qalbi nirringrazzja ħafna lil Alla għall-grazzja li qlajt bl-interċessjoni tal-Madonna tal-Konsagrazzjoni.